

**Clopidogrel Acino Pharma GmbH
*clopidogrel*****Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku**

Dan id-dokument huwa sommarju tar-Rapport Pubbliku Ewropew ta' Valutazzjoni (EPAR). Jispjega kif il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) ivvaluta l-istudji mwettqa sabiex jasal għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar kif tintuża l-mediċina. Jekk teħtieġ aktar informazzjoni dwar il-kundizzjoni medika tiegħek jew it-trattament tiegħek, aqra l-Fuljett ta' Tagħrif (parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Jekk trid aktar informazzjoni abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' CHMP, aqra d-Diskussjoni Xjentifika (ukoll parti mill-EPAR).

X'inhu Clopidogrel Acino Pharma GmbH?

Clopidogrel Acino Pharma GmbH huwa mediċina li fiha s-sustanza attiva clopidogrel. Huwa disponibbli bħala pilloli bojod, tondi (75 mg).

Clopidogrel Acino Pharma GmbH huwa ‘mediċina ġenerika’ li jfisser li Clopidogrel Acino Pharma GmbH huwa simili għall-‘mediċina ta’ referenza’ digħi awtorizzata fl-Unjoni Ewropea (UE) bl-isem Plavix. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediċini ġeneriċi, ara d-dokument mistoqsija-u-tweġiba [hawn](#).

Għal xiex jintuża Clopidogrel Acino Pharma GmbH?

Clopidogrel Acino Pharma GmbH jintuża f'adulti biex jipprevjeni każijiet aterotrombotiċi (problemi li jirriżultaw minn demm magħqu u t-twebbis tal-arterji). Clopidogrel Acino Pharma GmbH jista’ jingħata lill-gruppi ta’ pazjenti li ġejjin:

- pazjenti li jkun għadu kemm tahom infart mijokardiku (attakk tal-qalb). Clopidogrel Acino Pharma GmbH jista’ jinbeda fl-ewwel ftit jiem wara l-attakk u sa 35 ġurnata wara;
 - pazjenti li reċentement tħathom puplesija iskemika (puplesija kkawżata minn inkapaċitā tal-provvista tad-demm li tissupplixxi parti mill-moħħ). Clopidogrel Acino Pharma GmbH jista’ jinbeda bejn sebat ijiem u sitt xħur wara li jkun seħħet il-puplesija;
 - pazjenti b'mard fl-arterji periferiku (problemi bil-fluss tad-demm fl-arterji);
- Il-mediċina tista’ tinkiseb biss b'rīċetta tat-tabib.

Kif jintuża Clopidogrel Acino Pharma GmbH?

Id-doża standard ta’ Clopidogrel Acino Pharma GmbH hija ta’ pillola waħda ta’ 75 mg darba kuljum, mal-ikel jew fuq stonku vojt.

Kif jaħdem Clopidogrel Acino Pharma GmbH?

Is-sustanza attiva f'Clopidogrel Acino Pharma GmbH, clopidogrel, hu inibitur tal-aggregazzjoni tal-platelets. Dan ifisser li jgħin biex jimpedixxi d-demm milli jagħqad. Meta d-demm jagħqad, dan jiġi minħabba ċelloli speċjali fid-demm imsejħa platelets jaggregaw (jeħlu ma’ xulxin). Clopidogrel iwaqqaf il-platelets milli jaggregaw billi jimbløkka sustanza msejħa ADP milli tingħaqad ma’ riċettur speċjali preżenti fuq is-superfiċċje tagħhom. Dan iwaqqaf il-platelets milli jidbew ‘iweħħlu’, fejn b’hekk jitnaqqas ir-riskju li jiffurmaw l-għaqid tad-demm u jgħin fil-prevenzjoni ta’ attakk tal-qalb ieħor jew ta’ puplesija.

Kif ġie studjat Clopidogrel Acino Pharma GmbH?

Billi Clopidogrel Acino Pharma GmbH huwa mediciña ġenerika, l-istudji ġew limitati għal testitjiet biex jiddeterminaw il-bijoekwivalenza tiegħu mal-mediciña ta' referenza, Plavix. Iż-żewġ mediciċi huma bijoekwivalenti meta jipproduċu l-istess livelli ta' sustanza attiva fil-ġisem.

X'inhu l-benefiċċju u r-riskju ta' Clopidogrel Acino Pharma GmbH?

Billi Clopidogrel Acino Pharma GmbH huwa mediciña ġenerika u bijoekwivalenti għall-mediciña ta' referenza, il-benefiċċju u r-riskju tiegħu huma meqjusa l-istess bħal dawk tal-mediciña ta' referenza.

Għaliex ġie approvat Clopidogrel Acino Pharma GmbH?

Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) ikkonkluda li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE, Clopidogrel Acino Pharma GmbH wera li għandu kwalità komparabbi ma' u huwa bijoekwivalenti għal Plavix. Għaldaqstant, il-fehma tas-CHMP kienet li, bħal fil-każ ta' Plavix, il-benefiċċji huma akbar mir-riskji identifikati. Il-Kumitat irrakkomanda li Clopidogrel Acino Pharma GmbH jingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

Informazzjoni oħra dwar Clopidogrel Acino Pharma GmbH:

Il-Kummissjoni Ewropea tat-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-Unjoni Ewropea kollha għal Clopidogrel Acino GmbH lil Acino Pharma GmbH fil-21 ta' Settembru 2009.

L-EPAR shiħi għal Clopidogrel Acino Pharma GmbH jista' jiġi kkonsultat [hawn](#).

L-EPAR shiħi għall-mediciña ta' referenza jista' jinstab ukoll fuq is-sit tal-internet tal-Aġenzija.

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar fi: 07-2009.